IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 19.3.2008
SEG(2008) 350

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

ta' akkumpanjament mal-

Proposta ghal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li tiffaċilita l-infurzar transkonfinali fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq

SOMMARJU TAL-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

{KUMM(2008) 151 finali}
{SEG(2008) 351}

Sommarju eżekuttiv

1 – Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Il-partijiet interessati ġew ikkonsultati mill-istadji bikrija tal-proġett. Fl-2004, fil-qafas tal-proġett SARTRE 3 ("Social Attitude to Road Traffic Risks in Europe") kofinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea, 24 000 ċittadin ta' l-UE ġew mitluba l-fehma tagħhom rigward l-infurzar fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq.

Fl-20 ta' Lulju 2006, saret laqgħa mal-grupp espert imwaqqaf mill-Kummissjoni abbażi tar-Rakkomandazzjoni tagħha tal-21 ta' Ottubru 2003[1], fejn ġew diskussi l-ambitu u l-għanijiet ta' l-azzjoni regolatorja fil-livell ta' l-UE.

Mis-6 ta' Novembru 2006 sad-19 ta' Jannar 2007, saret konsultazzjoni miftuħa fuq l-internet permezz tas-sit "Europa". Il-Kummissjoni rċeviet 54 tweġiba. Ir-riżultati huma disponibbli fuq il-paġna: http://ec.europa.eu/transport/roadsafety/enforcement/introduction_en.htm. Fis-27 ta' Frar 2007 saret laqgħa mal-partijiet interessati, fejn kienu mistiedna l-awturi kollha tal-kummenti u l-Istati Membri kollha.

Il-Kummissjoni fasslet kwestjonarju għall-korpi tal-pulizija tat-traffiku ta' kull pajjiż fl-UE bil-għan li tiġbor informazzjoni rigward l-infurzar tal-liġi fit-toroq Ewropej. 21 pajjiż wieġbu l-kwestjonarju, u dawn it-tweġibiet intużaw bħala bażi għal diskussjoni fejn kienu mistednin il-korpi tal-pulizija tat-traffiku sabiex iressqu l-kummenti tagħhom, bil-għan li ssir azzjoni fil-livell Komunitarju[2].

Ġew ikkonsultati l-gvernijiet u l-awtoritajiet pubbliċi (l-aktar dawk tat-trasport, ta' l-affarijiet interni, tal-pulizija u tal-ġustizzja), kumpaniji u għaqdiet industrijali fil-qasam tat-trasport, operaturi ta' l-infrastutturi tat-toroq, organizazzjonijiet ta' studju u riċerka, assoċjazzjonijiet ta' utenti u persuni individwali.

Il-biċċa l-kbira sew ta' l-esperti u l-partijiet interessati qablu dwar il-ħtieġa ta' infurzar konsistenti fir-rigward tar-reati tat-traffiku, kemm fis-sustanza kif ukoll mil-lat proċedurali, bil-għan li tittejjeb is-sikurezza fit-toroq. F'dak li jirrigwarda r-reati li għandhom jiġu trattati fil-livell ta' l-UE, il-kontribuzzjonijiet irċevuti jikkonfermaw li l-proposta għandha tkopri r-reati meqjusa bħala l-kawżi ewlenin ta' l-imwiet fit-toroq, jiġifieri l-eċċess ta' veloċità, is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, u n-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza. Dan l-ambitu jista' jitwassa' progressivament biex ikopri reati oħra. Prattikament kull min ħa sehem fil-konsultazzjoni qabel li l-azzjonijiet Komunitarji għall-infurzar m'għandhomx ikunu limitati għan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Toroq, iżda jridu jkopru t-toroq kollha ta' l-UE. 70% tal-kontribuzzjonijiet appoġġaw l-idea ta' azzjoni Komunitarja għall-infurzar transkonfinali, akkumpanjata minn skambji aktar strutturati ta' l-aqwa prassi fost l-Istat Membri, immexxija mill-Kummissjoni Ewropea.

---

[1] Ir-Rakkomandazzjoni 2004/345/KE tal-21 ta' Ottubru 2003 dwar l-infurzar fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq (ĠU L 111, 17.4.2004, p. 75 u l-corrigendum fil-ĠU L 120, 24.4.2004, p. 65).

[2] Sondaġġ dwar il-metodi ta' infurzar fl-Ewropa, imwettaq minn TISPOL - il-25 ta' Ottubru 2007.

Il-Bord għall-Valutazzjoni ta' l-Impatt

Fit-8 ta' Mejju 2007, il-Bord għall-Valutazzjoni ta' l-Impatt tal-Kummissjoni Ewropea ħareġ opinjoni rigward verżjoni preliminari ta' dan ir-rapport tal-valutazzjoni ta' l-impatt. F'din l-opinjoni, il-Bord iddikjara li r-rapport joffri valutazzjoni kwantifikata ta' wħud mill-ispejjeż u l-benefiċċji marbutin ma' kull għażla, filwaqt li jindika biċ-ċar il-postulati meħuda u l-perjodi korrispondenti ta' inċertezza.

Il-Bord ħareġ ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

- Ir-rapport tal-VI għandu jiddistingwi biċ-ċar bejn iż-żewġ kwistjonijiet differenti li jindirizza: it-titjib ta' l-infurzar transkonfinali u l-armonizzazzjoni ta' l-istandards ta' infurzar;

Ir-rapport tal-VI għandu jinkludi aktar informazzjoni rigward l-istandards ta' infurzar immirati;

- L-għażliet ta' politika jeħtieġ li jkunu ċċarati aktar;

- Ir-rapport tal-VA għandu jelabora dwar l-ambitu ta' applikazzjoni tal-miżuri.

Għaldaqstant, din il-verżjoni tar-rapport tal-Valutazzjoni ta' l-Impatt tfasslet mill-ġdid biex tqis dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

2 – Definizzjoni tal-problema

Fil-*White Paper* tagħha ta' l-2001[3] dwar il-politika Ewropea tat-trasport, il-Kummissjoni pproponiet li l-Unjoni Ewropea tistabbilixxi l-mira għaliha nnifisha li tnaqqas bin-nofs l-għadd ta' mwiet sa l-2010. Din il-mira ttenniet fil-Programm ta' Azzjoni Ewropew għas-Sikurezza fit-Toroq adottat fl-2003[4], u ġiet approvata mill-Kunsill[5] u mill-Parlament Ewropew[6].

Element kruċjali f'din l-istrateġija huwa li kull min juża t-toroq jitħeġġeġ biex itejjeb l-imġiba tiegħu billi jirrispetta r-regoli bażiċi dwar is-sikurezza fit-toroq. Biex tiġi żgurata l-konformità mal-liġi, jeħtieġ li jkunu infurzati s-sanzjonijiet għar-reati. Il-kontrolli għandhom ikunu sistematiċi, is-sanzjonijiet iridu jkunu effettivi u jridu japplikaw għal kull min jikser il-liġi, u mhux biss dawk residenti. Dan jgħodd speċjalment għar-rispett tal-limiti applikabbli tal-veloċità u tax-xorb, kif ukoll ta' l-obbligu li jintlibes iċ-ċinturin tas-sikurezza. Dawn ir-reati huma t-tliet 'qattiela' ewlenin fit-toroq. Reati oħra tat-traffiku li jipperikolaw ukoll is-sikurezza fit-toroq jistgħu jiġu infurzati b'mod effikaċi kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Komunitarju. L-istudju estern ta' valutazzjoni ta' l-impatt jikkonferma li l-eċċess ta' veloċità, is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, u n-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza, kemm f'termini ta' l-għadd ta' mwiet kif ukoll tas-serjetà ta' l-inċidenti, jizvolġu rwol ewlieni fl-imwiet tat-traffiku. Fl-UE-25, huwa stmat li l-eċċess ta' veloċità huwa marbut ma' 12 400

---

3 Politika Ewropea tat-trasport għall-2010: wasal il-waqt li niddeċiedu [traduzzjoni mhux uffiċjali] – KUMM(2001) 370, 12.9.2001.

4 Programm ta' Azzjoni Ewropew għas-Sikurezza fit-toroq: Innaqqsu bin-nofs in-numru ta' vittmi ta' inċidenti tat-traffiku fl-Unjoni Ewropea sa l-2010: Responsabbiltà komuni [traduzzjoni mhux uffiċjali] - KUMM(2003) 311, 2.6.2003.

5 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-Trasport tal-5 ta' Ġunju 2003, dokument 9686/03 (Press 146), p. 22.

6 Ir-Riżoluzzjoni tat-12 ta' Frar 2003 (ĠU C 43E, 19.7.2004, p. 250).

mewt fit-toroq, ċifra li tirrappreżenta mat-30% ta' l-imwiet kollha fit-toroq; fl-istess ħin, is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb huwa marbut ma' 10 800 mewt fit-toroq, jiġifieri 25% ta' l-imwiet kollha fit-toroq. In-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza għandu influwenza deċiżiva fis-serjetà ta' l-inċidenti: huwa stmat li dan huwa relatat ma' 7 300 mewt fit-toroq, jiġifieri 17% mill-imwiet kollha fit-toroq. Meħudin flimkien, dawn ir-reati jirrappreżentaw aktar minn nofs l-imwiet kollha fit-toroq.

Illum il-ġurnata, aktar minn tliet snin wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, ta' min wieħed jinnota tliet fatti fundamentali:

– Ir-reviżjoni f'nofs triq tal-Programm ta' Azzjoni Ewropew għas-Sikurezza fit-toroq tat-22 ta' Frar 2006[7] wriet li l-progress miksub sa l-2005 mhux se jippermetti li tintlaħaq il-mira ta' tnaqqis bin-nofs jekk ix-xejra attwali tkompli kif inhi. B'dak il-mod, it-tnaqqis ikun biss ta' 40%. Barra minn hekk, sa Awissu 2006 x-xejra kienet waħda favorevoli, iżda minn Settembru 2006 'l quddiem ix-xejra inbidlet. Mill-2005 sa l-2006, l-għadd ta' mwiet fit-toroq żdied fl-Istati Membri kważi kollha, b'rati bejn it-2% u t-30%[8]. Din ix-xejra ġiet ikkonfermata minn rati medjokri ta' tnaqqis fl-għadd ta' mwiet fl-Istati Membri kważi kollha sa Ottubru 2007.

– L-infurzar, u għaldaqstant ir-riżultati, fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq ivarjaw b'mod konsiderevoli skond l-Istat Membru. Ir-riskju ta' qtil fit-toroq f'ċerti Stati Membri huwa ħames darbiet ogħla minn dak fi Stati Membri oħra.

– Ir-reati tat-traffiku kommessi minn sewwieqa mhux residenti spiss jibqgħu bla sanzjoni, jew is-sanzjonijiet sikwit ma' jiġux esegwiti.

Il-qagħda attwali fl-Istati Membri

L-infurzar ivarja skond l-Istat Membru. Għall-*eċċess ta' veloċità*, matul il-perjodu 2001-2003, 9% mis-sewwieqa ġew ikkontrollati fil-Portugall, imqabbla ma' 46% fl-Olanda. Għas-*sewqan taħt l-influwenza tax-xorb*, fl-Italja ġew ikkontrollati biss 4% mis-sewwieqa, imqabbla ma' 38% fil-Finlandja. Għall-*ilbies taċ-ċinturin tas-sikurezza*, il-perċentwali ta' infurzar bħalissa mhumiex disponibbli. F'żoni urbani, il-perċentwali ta' użu jvarjaw bejn is-36% u l-91%. Dan jissarraf f'differenzi konsiderevoli fil-perċezzjoni tas-sewwieqa. Skond *SARTRE* 3[9], filwaqt li aktar minn terz mis-sewwieqa fir-Renju Unit jaħsbu li se jkunu mmonitorjati għall-eċċess ta' veloċità, fl-Iżvezja dan il-perċentwal huwa ta' 3% biss. F'dak li jirrigwarda s-sewqan taħt l-effett tax-xorb, 27% mis-sewwieqa fis-Slovenja, u anqas minn 1% fl-Irlanda, jistennew li jkunu kkontrollati.

---

[7] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni - Programm ta' azzjoni Ewropew għas-sikurezza fit-toroq: reviżjoni f'nofs triq - KUMM(2006) 74, 22.2.2006.

[8] CARE (database ta' l-inċidenti tat-traffiku ta' l-UE), is-6 ta' Novembru 2007.

[9] Institut National de Recherche sur les Transports et leur Sécurité (INRETS) et al. : "European Drivers and Road Risk", SARTRE 3 (Ġunju 2004).

Il-perċentwal tal-persuni fit-traffiku li mhumiex residenti fil-pajjiż rispettiv jidher li huwa ta' madwar 5% f'dawk il-pajjiżi fejn dan it-tagħrif huwa disponibbli[10]. Il-perċentwal ta' sewwieqa mhux residenti f'reati ta' eċċess ta' veloċità juri firxa ta' bejn 2.5% u 30%[11]. Dawn iċ-ċifri jissuġġerixxu li s-sewwieqa mhux residenti jkunu involuti f'reati ta' eċċess ta' veloċità relattivament aktar ta' spiss mis-sewwieqa residenti[12].

L-Istati Membri qegħdin idaħħlu progressivament tagħmir awtomatiku ta' kontroll. Fejn jidħol l-infurzar rigward il-veloċità, l-Istati Membri kważi kollha jużaw kameras fissi, kif ukoll kameras mobbli. Kameras li jikkalkulaw il-medja tal-veloċità qegħdin jiġu introdotti progressivament ukoll. F'għadd dejjem jikber ta' pajjiżi, l-infurzar awtomatiku jsir ukoll għall-qbiż tad-dawl l-aħmar. F'dak li jirrigwarda l-ilbies taċ-ċinturin tas-sikurezza, f'ċerti pajjiżi, l-infurzar awtomatiku jintuża għal reati oħra fl-istess ħin, bħall-qbiż tad-dawl l-aħmar u l-eċċess ta' veloċità[13].

It-teknoloġiji ta' infurzar u l-proċeduri għall-approvazzjoni tat-tip ivarjaw skond l-Istat Membru. Minħabba t-tagħmir mhux standardizzat u l-metodi ta' approvazzjoni mhux armonizzati, ir-rikonoxximent reċiproku ta' l-azzjonijiet ta' infurzar u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri jsiru aktar diffiċli.

Is-sanzjonijiet għar-reati tat-traffiku jistgħu jkunu sew ta' natura kriminali sew ta' natura amministrattiva, skond l-Istat Membru. F'ċerti pajjiżi, is-sanzjonijiet huma parzjalment kriminali u parzjalment amministrattivi, skond il-livell ta' serjetà tal-ksur.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2003 titlob lill-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni t-tagħrif rigward l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni sa Settembru 2007. Sal-lum, sitt Stati Membri biss bagħtu t-tagħrif mitlub. B'hekk, fiit li xejn hemm informazzjoni disponibbli rigward ir-rabta bejn l-implimentazzjoni ta' prattiċi tajba ta' infurzar u bejn l-iżviluppi fis-sikurezza fit-toroq.

3 – Għanijiet

L-għan globali tal-proposta huwa li tittejjeb is-sikurezza fit-toroq fil-Komunità, u b'hekk tikkontribwixxi lejn sistema tat-trasport effiċjenti, sostenibbli u ta' min joqgħod fuqha, waqt li tneħħi għalkollox id-differenzi attwali fit-trattament bejn ir-residenti u l-mhux residenti li jikkommettu reat.

L-għan speċifiku ta' l-azzjoni Komunitarja huwa li titjieb l-imġiba tas-sewwieqa billi tissaħħaħ il-konformità mar-regoli tat-traffiku kemm mir-residenti kif ukoll mill-mhux residenti.

---

10 Sors: Eurostat. Dan il-perċentwal ta' 5% jissejjes fuq l-evidenza minn grupp magħżul ta' pajjiżi. Ifisser li xi 5% mill-kilometri koperti minn vetturi fit-toroq isiru minn vetturi rreġistrati f'pajjiż differenti. Ir-riżultati juru perċentwali ta' 5.5% fi Franza (30 biljun km koperti minn vetturi), 3.9% fil-Ġermanja, 4.1% fl-Olanda, u 3.9% fir-Renju Unit.

11 2.5% fid-Danimarka, 4% fil-Finlandja, 6% fl-Olanda, 8% fil-Katalonja (Spanja), 14% fil-Belġju, 15% fi Franza, u 30% fil-Lussemburgu.

12 Fi Franza, il-perċentwal tas-sewwieqa mhux residenti fit-traffiku huwa ta' 5.5%, filwaqt li l-perċentwal tagħhom fir-reati tat-traffiku huwa ta' 15%. Iċ-ċifri korrispondenti għall-Olanda huma 4.1% tat-traffiku u 6% tar-reati (Centraal Justitieel Incasso Bureau, l-Olanda).

13 Sondaġġ dwar il-metodi ta' infurzar fl-Ewropa, imwettaq minn TISPOL - il-25 ta' Ottubru 2007.

L-azzjoni proposta taqbel mal-politika ta’ l-UE fil-qasam tas-saħħa tal-bniedem billi tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-ħsara relatata ma’ l-alkoħol.

Permezz tat-tnaqqis fil-veloċità, it-titjib fl-infurzar se jikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis ta’ l-emissjonijiet ta’ gassijiet serra, li fis-settur tat-trasport kulma jmur qed jiżdiedu.

4 – Għażliet

Il-valutazzjoni ta’ l-impatt tikkunsidra ħames għażliet, li kull waħda minnhom tindirizza kemm l-infurzar transkonfinali kif ukoll l-aqwa prassi għall-infurzar li għandhom jiġu implimentati fl-Istati Membri.

L-ewwel għażla hija li s-sitwazzjoni attwali titħalla kif inhi.

Fit-tieni għażla, min jikser il-liġi f'pajjiż barra minn dak tar-residenza tiegħu jitressaq il-qorti meta jirritorna fil-pajjiż fejn ikun ikkommetta r-reat, abbażi ta' kooperazzjoni mal-pajjiż ta' residenza tiegħu. Din l-għażla tinvolvi miżuri mhux regolatorji li jistgħu jittieħdu mingħajr il-ħtieġa li jinbidlu l-liġijiet eżistenti jew li tiġi adottata leġiżlazzjoni ġdida fil-livell ta’ l-UE. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-infurzar fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq (2004/345/KE) tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jimplimentaw l-aqwa prassi fl-infurzar tal-liġi. F'dak li jirrigwarda l-infurzar transkonfinali, ir-regoli nazzjonali jittejbu.

It-tielet u r-raba’ għażliet ukoll jinvolvu miżuri mhux regolatorji għall-infurzar, imsejsa fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni. Fejn jidħol l-infurzar transkonfinali, l-għażla 3 tikkonsisti filli jitwaqqaf netwerk Komunitarju għall-iskambju tad-dejta elettronika bil-għan li jiġi identifikat id-detentur tal-vettura; filwaqt li l-għażla 4 tissejjes fuq ir-rikonoxximent reċiproku tal-provi u t-trażmissjoni tad-dejta relevanti lill-awtoritajiet ta' l-Istat fejn hija rreġistrata l-vettura, għall-infurzar kontra r-reati u għall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet korrispondenti mill-awtoritajiet imsemmija.

Il-ħames għażla tissejjes ukoll fuq it-trażmissjoni tal-provi lill-Istat ta’ residenza ta’ min jikkommetti r-reat għall-infurzar transkonfinali. Hija differenti mill-għażliet 2, 3 u 4 billi tinkludi miżuri regolatorji għall-implimentazzjoni ta’ l-aqwa metodi ta’ infurzar mill-Istati Membri kollha. Din l-għażla tinkludi wkoll miżuri dwar l-istandardizzazzjoni tat-tagħmir ta’ kontroll.

Din l-aħħar għażla ġġib magħha aktar vantaġġi soċjali, ekonomiċi u ambjentali mill-erba' għażliet l-oħra (soċjali: jinqatlu u jindarbu inqas nies fit-toroq; ekonomiċi: benefiċċji finanzjarji sinifikanti min-numru aktar baxx ta’ inċidenti, u b'hekk inqas ħsarat personali u materjali, kif ukoll mid-dħul minn penalitajiet finanzjarji; ambjentali: billi jitnaqqas l-eċċess ta’ velocità, isir inqas tniġġis u inqas konsum ta' fjuwil).

5 – Analiżi ta’ l-impatti

L-impatt fuq is-sikurezza fit-toroq

L-għadd attwali ta’ 25 000 mewt fit-toroq minħabba l-eċċess ta’ veloċità, is-sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, u/jew in-nuqqas ta’ użu taċ-ċinturin tas-sikurezza, jista’ jitnaqqas billi jiġu kkombinati metodi tajbin għall-kwalità u għas-saħħa ta’ l-infurzar. L-għadd attwali ta’ 400 mewt fit-toroq ikkawżati minn sewwieqa mhux residenti jista’ jitnaqqas bl-implimentazzjoni ta’ sistema effettiva ta’ infurzar transkonfinali.

Ġie kkalkolat li, bl-għażliet li jipprovdu mekkaniżmi għall-infurzar transkonfinali effiċjenti (l-għażliet 3 u 4), l-għadd ta' vittmi mortali fl-Unjoni Ewropea jista' jonqos b'bejn 200 u 250 kull sena. Bl-għażla 5, li minbarra dawk il-mekkaniżmi tistabbilixxi wkoll metodi konverġenti għall-infurzar tar-regoli tat-traffiku, jista' jinkiseb tnaqqis ta' 5 000 mewt fit-toroq kull sena.

F'termini soċjoekonomiċi, u skond kalkolu konservattiv, dan jirrappreżenta benefiċċju ta' EUR 5 biljun fis-sena.

L-ispejjeż u l-awtomazzjoni

L-ispejjeż se jkunu koperti mill-awtoritajiet pubbliċi u l-organi ta' infurzar. Dawn se jkopru l-investimenti f'sistemi ta' skambju tad-dejta u f'tagħmir għall-infurzar. Biex l-Istati Membri kollha jilħqu livell aċċettabbli ta' infurzar, huwa stmat li l-ispejjeż totali jammontaw għal EUR 140 miljun. L-investiment minn kull Stat Membru se jiddependi mil-livell attwali tiegħu fir-rigward ta' l-infurzar. Il-baġit operazzjonali annwali għall-infurzar huwa stmat għal madwar EUR 23 miljun għall-Unjoni Ewropea.

L-istudji juru li l-ispejjeż għall-operat ta' l-infurzar awtomatiku huma konsiderevolment aktar baxxi minn dawk għall-infurzar tradizzjonali. Wieħed jista' jistenna li l-infurzar permezz ta' tagħmir awtomatiku jwassal għal tnaqqis sinifikanti fir-riżorsi amministrattivi.

L-impatt fuq is-saħħa u fuq l-ambjent

It-tisħiħ ta' l-infurzar se jikkontribwixxi wkoll għall-ġlieda kontra l-ħsara relatata ma' l-alkoħol, kif ukoll għall-politika tas-saħħa pubblika. Fil-Komunikazzjoni tagħha ta' l-2006 dwar strateġija ta' l-UE li tappoġġja lill-Istati Membri għat-tnaqqis ta' ħsara relatata ma' l-alkoħol[14], il-Kummissjoni identifikat l-inċidenti tat-traffiku relatati ma' l-alkoħol bħala waħda mill-kwistjonijiet prijoritarji.

L-impatt tal-veloċità fuq l-ambjent huwa rrelatat fuq kollox ma' l-emissjonijiet li jniġġsu. Il-gassijiet ta' l-egżost (il-monossidu tal-karbonju (CO_2), l-idrokarbonju, il-monossidu tan-nitroġenu, u partikoli) jagħmlu l-inqas ħsara b'veloċità kostanti ta' bejn 40 u 90 km/s għall-vetturi individwali[15], u b'veloċità kostanti ta' bejn 50 u 70 km/s għat-trakkijiet u l-karozzi tal-linja[16].

L-eċċess ta' veloċità jipproduċi wkoll l-ożonu, għax il-vetturi bil-mutur jerħu proporzjon għoli ta' l-idrokarbonju u tal-monossidu tan-nitroġenu, li jipprovokaw il-formazzjoni ta' l-ożonu fl-atmosfera.

Fl-aħħarnett, il-veloċità għandha impatt fuq il-konsum tal-fjuwil, billi l-eċċess ta' veloċità jżid il-konsum fit-traffiku normali. L-istudji juru li, b'veloċità kostanti ta' bejn 90 u 110 km/s, il-konsum tal-fjuwil huwa madwar 23% aktar baxx[17].

---

14 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni - KUMM(2006) 625: *Strateġija ta' l-UE li tappoġġja lill-Istati Membri għat-tnaqqis ta' ħsara relatata ma' l-alkoħol*.

15 Rapport dwar il-ġestjoni tal-veloċità ("Speed management"), OECD/ECMT, 2007.

16 ITS Handbook, 2005-2006, Highway Industry Development Organisation, 2005.

17 Rapport dwar il-ġestjoni tal-veloċità ("Speed management"), OECD/ECMT, 2007.

Fejn jidħol l-impatt tal-veloċità fuq il-livell ta' storbju, l-akbar sors ta' storbju jiġi mill-frizzjoni bejn it-tajers u l-kisi tat-triq. Bl-eċċess ta' veloċità, dan l-istorbju jiżdied b'madwar 12 dB(A) kull meta l-veloċità tirdoppja.

6 – Tqabbil ta' l-għażliet – L-azzjoni Komunitarja proposta

Ir-riżultati juru li l-azzjonijiet li jittieħdu biex jittejbu l-metodi ta' infurzar adottati minn kull Stat Membru jkollhom impatt sinifikanti għas-sikurezza fit-toroq u għat-tnaqqis fl-għadd ta' mwiet. Dejjem skond ir-riżultati, il-miżuri favur infurzar transkonfinali aktar effiċjenti jwasslu għal tnaqqis l-għadd ta' inċidenti u ta' mwiet fit-toroq, kif ukoll għat-trattament ekwu bejn is-sewwieqa residenti u mhux residenti. Għalkemm il-miżuri ta' infurzar transkonfinali se jolqtu fuq kollox lis-sewwieqa mhux residenti, ta' min wieħed jisħaq li dawn l-effetti mhux se jkunu limitati għal din il-kategorija ta' sewwieqa, iżda se jġibu magħhom ukoll tibdil fl-imġiba tas-sewwieqa kollha.

L-ispejjeż stmati għall-għażliet 3 u 4, li jinkludux għajr miżuri regolatorji għall-infurzar transkonfinali, huma relattivament baxxi meta mqabbla ma' dawk ta' l-għażla 5, li minbarra dawk il-miżuri regolatorji tinkludi oħrajn rigward il-metodi ta' infurzar fl-Istati Membri kollha.

F'dak li jirrigwarda s-saħħa u l-ambjent, l-għażliet kollha jwasslu għal tnaqqis fil-veloċità kif ukoll għal inqas konsum ta' l-alkoħol. L-għażliet li jinkludu miżuri għat-titjib tal-metodi ta' infurzar fl-Istati Membri juru riżultati aħjar.

Wara li jkunu nflew l-għażliet kollha, joħroġ fid-dieher li jekk il-qagħda attwali titħalla kif inhi, jew jekk jittieħdu miżuri mhux regolatorji, il-problemi li qed inħabbtu wiċċna magħhom illum rigward l-infurzar fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq jibqgħu ma jissolvewx. Ir-riżultati tal-valutazzjoni ta' l-impatt u tal-konsultazzjoni pubblika juru li jeħtieġ azzjoni fuq iż-żewġ kwistjonijiet definiti aktar 'il fuq: l-infurzar transkonfinali, min-naħa, u metodi effiċjenti ta' infurzar fl-Istati Membri min-naħa l-oħra.

Fil-livell ta' l-UE, id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penalitajiet finanzjarji[18] tista' tgħin sa ċertu punt biex tittejjeb is-sitwazzjoni attwali. Dan l-istrument, fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali, imsejjes fuq it-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea, jittratta r-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet finali li jirrikjedu l-ħlas ta' penali finanzjarja. Jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jibagħtu, għall-esekuzzjoni tagħha, penali finanzjarja maħruġa kontra persuna naturali jew legali lil Istat Membru fejn il-persuna kkonċernata jkollha proprjetà jew dħul, jew fejn huwa resident abitwali (jew jinsab irreġistrat). Id-Deċiżjoni tkopri firxa wiesgħa ta' reati, inkluż il-ksur tar-regoli tat-traffiku. Madankollu, tapplika biss għal deċiżjonijiet finali, u ma tkoprix l-istadji bejn ir-reġistrazzjoni tar-reat u d-deċiżjoni finali, fejn jeħtieġu mezzi regolatorji speċifiċi biex tinkiseb kooperazzjoni prattika effiċjenti bejn l-awtoritajiet ta' infurzar fil-qasam tar-reati tat-traffiku.

[18] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI ta' l-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji.

Fid-dawl ta' l-analiżi ta' l-għażliet rigward it-titjib tal-metodi ta' infurzar fl-Istati Membri, il-proposta għandha tinkludi mekkaniżmi xierqa amministrattivi u tekniċi għall-istadji msemmija, kif ukoll miżuri għal metodi ta' infurzar aħjar imsejsa fuq ir-Rakkomandazzjoni ta' l-2003.